32000R1626

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1626/2000

ta' l-24 ta' Lulju 2000

li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar kif isir stħarriġ kampjun fuq il-forza tax-xogħol fil-Komunità fir-rigward tal-programm għal bejn l-2001 u l-2004 ta' moduli ad hoc għall-istħarriġ fuq il-forza tax-xogħol

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu, 1998, dwar kif isir stħarrig kampjun fuq in-numru ta' nies jaħdmu fil-Komunità [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1578/2000 [2], u partikolarment l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 577/98 għandu jsir kull sena programm ta' moduli *ad hoc* fuq firxa ta' snin.

(2) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku mwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom [3],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Programm ta' moduli *ad hoc* għas-snin 2001 sa l-2004 jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara li jkun ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Lulju 2000.

Għall-Kummissjoni

Pedro SOLBES MIRA

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 77, ta' l-14.3.1998, p. 3.
[2] ĠU L 181, ta' l-20.7.2000, p. 39.
[3] ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

L-ANNESS

STĦARRIĠ FUQ IL-FORZA TAX-XOGĦOL

Programm fuq firxa ta' snin ta' moduli ad hoc

1. **Tul u tfassil tal-ħinijiet tax-xogħol**

Lista ta' varjabbli: ara r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1578/2000 tad-19 ta' Lulju 2000, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar kif isir stħarriġ kampjun fuq il-forza tax-xogħol fil-Komunità fir-rigward tal-modulu *ad hoc* 2001 dwar tul u tfassil tal-ħinijiet tax-xogħol (ĠU L 181, ta' l-20 ta' Lulju 2000, p. 39)

Żmien ta' referenza: it-tieni kwart ta' l-2001

L-Istati Membri u r-reġjuni milquta: kollha

Kampjun: bħal kif għandhom ikunu l-moduli; madanakollu, jekk l-individwu jkun il-kampjun l-ebda tagħrif ma għandu jintalab dwar membri tad-dar

Meta jintbagħtu r-riżultati: qabel il-31 ta' Marzu 2002

2. **Impjieg ta' nies b'diżabilità**

Lista ta' varjabbli: għandha titlesta qabel Marzu 2001

Żmien ta' referenza: it-tieni kwart tal-2002

L-Istati Membri u reġjuni milquta: għandhom jissemmew

Kampjun: persuni b'diżabilità; jekk l-individwu jkun il-kampjun ma jintalabx tagħrif dwar il-membri tad-dar

Meta jintbagħtu r-riżultati: qabel il-31 ta' Marzu 2003

3. **Tagħlim għal tul il-ħajja**

Lista ta' varjabbli: għandha titlesta qabel Marzu 2002

Żmien ta' referenza: it-tieni kwart ta' l-2003

L-Istati Membri u r-reġjuni milquta: għandhom jissemmew

Kampjun: bħal kif għandhom ikunu l-moduli; jekk l-individwu jkun il-kampjun, ma jintalabx tagħrif dwar membri tad-dar

Meta jintbagħtu r-riżultati: qabel il-31 ta' Marzu 2004

4. **It-tranżizzjoni mill-iskola għall-ħajja tax-xogħol**

Lista ta' varjabbli: għandha titlesta qabel Marzu 2003

Żmien ta' referenza: it-tieni kwart tal-2004

L-Istati Membri u r-reġjuni milquta: għandhom jissemmew

Kampjun: persuni li jkunu ħallew l-iskola fl-aħħar ħames/għaxar snin (inklużi persuni li ħallew l-iskola għal mill-inqas sena waħda u wara reġgħu daħlu l-iskola); jekk l-individwu jkun il-kampjun ma jintalabx tagħrif dwar membri tad-dar

Meta jintbagħtu r-riżultati: qabel il-31 ta' Marzu 2005